# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 681/2010

## tad-29 ta' Lulju 2010

## li jemenda għall-132 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan, [1] u partikolarment l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(1) [2] tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fid-19 ta' Lulju 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid erba' persuni fiżiċi mal-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Għall-President*

Karel KOVANDA

*Aġent Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

---

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

[2] L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament (UE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiddaħħlu taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

(1) "Amir **Abdullah** (*alias* Amir Abdullah Sahib). Indirizz: Karachi, il-Pakistan Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1972. Post tat-twelid: il-Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4)(b): 20.7.2010."

(2) "Anwar Nasser Abdulla **Al-Aulaqi** (*alias* (a) Anwar al-Aulaqi, (b) Anwar al-Awlaki, (c) Anwar al-Awlaqi, (d) Anwar Nasser Aulaqi, (e) Anwar Nasser Abdullah Aulaqi, (f) Anwar Nasser Abdulla Aulaqi). Data tat-twelid: (a) 21.4.1971, (b) 22.4.1971. Post tat-twelid: Las Cruces, New Mexico, l-Istati Uniti tal-Amerika. Nazzjonalità: (a) Amerikan mill-Istati Uniti, (b) Jemenita. Tagħrif ieħor: Ilu jistaħba fil-Jemen minn Diċembru 2007. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4)(b): 20.7.2010."

(3) "Nasiruddin **Haqqani** (*alias* (a) Naseer Haqqani, (b) Dr. Naseer Haqqani, (c) Nassir Haqqani, (d) Nashir Haqqani, (e) Naseruddin, (f) Dr. Alim Ghair). Indirizz: Il-Pakistan. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1970-1973. Post tat-twelid: L-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: Assoċjat mal-Haqqani Network, li jopera 'l barra mill-Waziristan tat-Tramuntana fiż-Żoni Tribali tal-Pakistan Amministrati b'mod Federali. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4)(b): 20.7.2010."

(4) "Gul Agha **Ishakzai** (*alias* (a) Mullah Gul Agha, (b) Mullah Gul Agha Akhund, (c) Hidayatullah, (d) Haji Hidayatullah, (e) Hayadatullah). Indirizz: Il-Pakistan. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1957. Post tat-twelid: Band-e-Timor, Kandahar, l-Afghanistan. Tagħrif ieħor: Huwa parti mill kunsill tat-Taliban li nħalaq dan l-aħħar li jikkoordina l-ġabra taz-zakat (taxxa Musulmana) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4)(b): 20.7.2010."